

## Tkellem wiċċ imbwiċċ ma' nies li jifhmu l-ħtiġijiet tiegħek.

*Direct2Care* timpjega staff ta' sapport li għandu l-esperjenza, li jitkellmu miegħek personalment u jgħinuk issib x'inhu tajjeb għalik. Imbagħad jikkuntattjaw lis-servizzi li tinħtieġ, u dawn jikkuntattjaw lilek.

## Ngħinu lill-Awstraljani anzjani jgħixu ħajja iktar mimlija u iktar indipendenti.

'*Direct2Care*' hija maħsuba biex tgħin lill-anzjani minn Victoria ħalli jsibu u jieħdu s-servizzi li jinħtieġu biex jgħixu ħajja iktar mimlija u iktar indipendenti fl-ambjent familjari ta' djarhom.

Din hija aħbar tajba mhux biss għal dawk li jużaw is-servizzi iżda wkoll għal dawk li jduru bihom, inklużi l-familja u l-ħbieb li jistgħu jkunu jinħtieġu aktar għajnuna.

Tista' żżur l-uffiċċji tagħna f'

Wantirna South:
Knox O-Zone (Fuq Centrelink)
Level 1, Suite 3034
2 Capital City Boulevard

Ballarat:
907 Sturt Street



## Servizzi għall-kura tal-Anzjani li hemm permezz ta' *Direct2Care*

Dawn huma ftit mis-servizzi li hemm fl-inħawi lokali tiegħek li magħhom tista' tqabbdek id-*Direct2 Care*.

- Għajnuna fid-dar bit-tindif u l-faċendi
- Għajnuna fid-doċċa u biex tilbes
- Nersing (nersing komunitarju, nersing fid-dar)
- Servizzi assoċjati mas-saħħa (fisjoterapija, podjatrija, dieti, etc)
- Servizzi tal-ikel (ikel fuq ir-roti (meals-on-wheels) u ikel fiċ-ċentri)
- Gruppi organizzati b'attivitajiet ta' sapport soċjali
- Għajnuna b'manutenzjoni bażika tad-dar
- Servizzi ta' mistrieħ
- Żjarat ta' ħbiberija / Servizzi ta' trasport magħmulin minn voluntieri
- Sapport għal dawk li jduru b'nies bid-dimenzja
- Programmi biex ikunu evitati l-waqgħat
- Servizz għall-kura tal-għajnejn
- Servizzi ta' Min Jaqbeż Għalik
- Skema ta' assistenza fl-għajnuniet tal-kontinenza

Jekk tixtieq tirċievi din il-pubblikazzjoni f'format aċċessibbli, jekk jogħġbok ċempel 9096 9977 u tuża n-*National Relay Service* fuq 13 36 77 jekk tinħtieġ jew ibgħat email lil christine.adams@dhs.vic.gov.au/agedcare

Dan id-dokument jinstab ukoll f'format ta' pdf fuq l-internet f'www.health.vic.gov.au/agedcare

Australian Government
Department of Health and Ageing

Victoria
The Place To Be

Authorised by the Victorian Government, Melbourne.
Printed by Soverign Press, 6 Traminer Court, Wendouree.
October 2008 (0230908)

NEED AGED CARE SUPPORT AT HOME? - Maltese

# TINĦTIEĠ SAPPORT TA' KURA FID-DAR?

## AĦNA NGĦINUK BIEX TAQBAD MAS-SERVIZZI LI TINĦTIEĠ.



Direct2Care
One-to-one aged care advice

**1300 121 121**

# NINTRODUĊU D-*'DIRECT2CARE'*

Mintix żgur/a dwar liema servizzi jeżistu għall-kura tal-anzjani? Mintix ċert/a għalxiex inti eligibbli? Forsi taf iżda ma tafx kif issibhom.

Issa tista' tikkuntattja lid-*'Direct2Care'.*

*'Direct2Care'* li huwa servizz ġdid mill-Gvernijiet Awstraljan u ta' Victoria, jista' jagħtik parir dwar is-servizzi lokali għall-kura tal-anzjani li tista' tkun tinħtieġ biex jgħinuk tibqa' fid-dar tiegħek u jqabbdek magħhom. Dawk is-servizzi jistgħu jkunu jinkludu kollox minn għajnuna fid-dar u ikel fuq ir-roti (meals-on-wheels) sa fisjoterapija u mistrieħ.



### Eżempju 1

Wara li Maud, omm Louise, li kienet għal kollox indipendenti, waqgħet waqt li kienet tnaddaf it-twapet, Louise bdiet taħseb jekk kienx il-mument li Maud tmur f' nursing home. Hija tikkuntattja lid-*'Direct2Care'* biex tiddiskuti s-sitwazzjoni.

Wara li tkellmu ma' Maud, id-*'Direct2Care'* irranġaw biex it-tim tal-assesjar tal-Kura fid-Dar u Komunitarja *(Home & Community Care)* tal-kunsill lokali, jmur iżurha u jiddiskuti s- sitwazzjoni tagħha. Jaħdmu magħha biex jissimplifikaw xi xogħol tad-dar li hija ssibu diffiċli u biex tibdel ftit mill-għodda li tuża.

Jirranġaw ukoll biex Maud tattendi grupp soċjali li jiltaqa' regularment, fejn hija tkun tista' tieħu sehem ukoll f'taħriġ tas-saħħa. *'Direct2Care'* jirranġawlha biex tieħu sehem fi programm għall-prevenzjoni tal-waqgħat fis-Servizz lokali tas-Saħħa Komunitarja. Bir-riżultat li Maud tista' tibqa' indipendenti u attiva fid-dar tagħha stess.



### Eżempju 2

Wara li tkellem ma' Bill, il-ġar anzjan tiegħu, Robert, sar jaf li wara li mitietlu martu, Bill kien qed isibha bi tqila biex isajjar għalih u qed jonqos. Robert jissuġġerixxi li huwa u Bill imorru saċ-ċentru tad-*'Direct2Care'.* Waqt li kienu jitkellmu ma' Bill, l-istaff tad-*'Direct2Care'* skoprew ukoll li huwa kellu xi waqgħat war li kien ħassu stordut.

*'Direct2Care'* jissuġġerixxu li Bill imur jagħmel eżami mediku sħih. Huma jirranġaw ukoll biex Bill imur is-Servizz tas-Saħħa Komunitarja u jitkellem mal-espert tad-dieta dwar kif jista' jitgħallem kapaċitajiet bażiċi tat-tisjir. *'Direct2Care'* tqabbad lil Bill f'kuntatt ukoll ma' program dwar il-prevenzjoni tal-waqgħat u grupp lokali tal-mixi, fejn jagħmel ħbieb ġodda.

### Eżempju 3

Harold qiegħed isibha bi tqila biex idur bil-mara fraġli tiegħu, Sally, fid-dar. Hija kienet qegħda tħossha konfuża u żviluppat ukoll problemi ta' inkontinenza. Saħħet Harold ukoll mhijiex tajba u jħossu mgħobbi żżejjed bis-sitwazzjoni tiegħu u jħossu ħati li ma jistax idur iżjed b'martu. Jikkuntattja lid-*'Direct2Care'* .

Wara li jitkellmu ma' Harold, *'Direct2Care'* jirranġaw biex Tim tal-Assessar tal-Kura tal-Anzjani (Aged Care Assessment Team) iżur lil Harold u Sally u jitkellmu magħhom dwar l-għażliet ta' kura għal Sally. *'Direct2Care'* issir taf li Harold iħobb jilgħab ħafna ċ-ċess, iżda li ilu ma jilgħabu xi żmien. Harold jitqabbad ma' grupp lokali taċ-ċess.

**B'ċempila waħda tagħmel kollox.**

Tista' tikkuntattja direttament lid-*'Direct2Care'* b'telefonata waħda. Jekk tinħtieġ s-servizzi għall-kura tal-anzjani u ma tafx kif issibhom, ċempel biss **1300 121 121**. Tista' żżur ukoll l-uffiċċji tagħna f' Knox O-Zone Shopping Centre, Wantirna South jew 907 Sturt Street, Ballarat.